MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 240/2014

**Jeffrey Francalanza u Alan Darmanin f'isimhom propju**

**u ghan-nom ta' Glow Promotions u kif ukoll bhala**

**l-organizaturi tal-kuntest 'Face of Malta'**

**vs**

**Casey Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi li gie pprezentat nhar it-18 ta’ Lulju 2014 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta:

1. Thallas is-somma kumplessiva ta’ tmint elef, mija u hamsin ewro (€8,150) rapprezentanti:

- Penali ta’ erbat elef ewro (€4,000) stante li naqset li tippartecipa u tikkompeti fil-kuntest Face of Malta u dan skont klawzola 3.1 tal-kuntratt iffirmat minnha, Dok A anness;
- Mija u hamsin ewro (€150) bhala ‘entry fee’, u
- Penali ta’ erbat elef ewro (€4000) stante nuqqas ta’ partecipazzjoni f’avvenimenti, promozzjonijiet, sessjonijiet ta’ fotografija u attivitajiet ohra skond klawzola 3.13 tal-istess kuntratt imsemmija aktar il-fuq;

2. Thallas l-ispejjez kollha, inkluz:

- L-ispejjez tal-ittri legali datata hamsa u ghoxrin (25) ta’ April 2014, disgha (9) ta’ Mejju 2014, l-ewwel (1) ta’ Settembru 2014,
- L-ispejjez tal-ittra gudizzjarja (166A) ta’ 19 ta’ Mejju 2014 li ggib in-numru 924/14,
- L-ispejjez tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mal-ittra gudizzjarja hawn fuq riferuta u li jgib in-numru 1014/14
- L-ispejjez tal-prezenti, u
- L-interessi skond l-ghola rata permessa mil-ligi.

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi datata 13 ta’ Novembru 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenuta kif moghti fir-rikors promotur tal-atturi, u skond riferta pozittiva tal-Marixxall Eugenio Mallia datata 12 ta’ Novembru 2014 fejn

thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Birkirkara (fol. 22 tergo).

Rat illi l-konvenuta giet ukoll notifikata bir-rikors promotur permezz ta’ publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar id-9 ta’ Dicembru 2014 (fol 23) u fil-gazzetta lokali In-Nazzjon nhar l-24 ta’ Dicembru 2014 (fol 27).

Rat illi fis-seduta tas-7 ta’ Jannar 2015 il-konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-atturi pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta dakinhar tas-7 ta’ Jannar 2015.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2015 il-konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha sabiex twiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-atturi jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ tmint elef, mija u hamsin ewro (€8,150) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-ittri legali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2014, disgha (9) ta' Mejju 2014, l-ewwel (1) ta' Settembru 2014, l-ispejjez tal-ittra gudizzjarja (166A) ta' 19 ta' Mejju 2014 li ggib in-numru 924/14, l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-ittra gudizzjarja hawn fuq riferuta u li jgib in-numru 1014/14 u l-imghax dovut mid-data ta' notifika tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Mejju 2014.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------